# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 19**

**Rikors numru 832/06 JZM**

**Dieter Achtelstetter**

**v.**

**M/V Gran Michelangelo**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell maghmul mill-attur Dieter Achtelstetter mis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [l-ewwel Qorti] fis-17 ta' Settembru 2013 [is-sentenza appellata] li permezz taghha dik il-Qorti filwaqt li laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-bastiment konvenut, cahdet it-talbiet kollha tal-attur u ordnat lill-istess attur sabiex ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

**Mertu**

2. Permezz ta' din il-kawza, l-attur qed ifittex dikjarazzjoni illi l-bastiment konvenut jahti ghall-incident li sehh fl-14 ta' Dicembru 2005 u li fih tkisser il-jott bl-isem Ocean Lady waqt li kienet sorguta fuq *berth* gewwa l-bajja ta' Marsaxlokk. Skont l-attur, il-bastiment konvenut nqataghlu c-cimi tieghu, tkaxkar ghal fuq il-bastiment Capitan San Marco u dawn iz-zewg bastimenti habtu fl-Ocean Lady bil-konsegwenza illi din id-dghajsa saret *a total loss.* L-attur jitlob il-likwidazzjoni u l-hlas fil-konfront tal-konvenut, tad-danni sofferti rizultat ta' din il-kollizzjoni, liema danni l-attur kwantifikahom fis-somma li tirrapprezenta l-*pre accident value* tad-dghajsa tieghu.

3. Il-bastiment konvenut fir-risposta guramentata tieghu cahad li kellu xi tort jew responsabbilita` ghal din il-kollizzjoni u ghad-danni reklamati mill-attur, u sostna illi l-htija ghall-akkadut ghandha tinsab unikament fil-Kaptan Alfred Fremal li huwa s-sid tal-Capitan San Marco u fl-istess bastiment tieghu stante illi waqt il-maltempata li ghamlet fil-lejl bejn it-13 u l-14 ta' Dicembru 2005, dan il-bastiment inqata' mill-hbula tal-irmigg tieghu, liema rbit ma kienx idoneju biex jiflah ghall-bastiment, u kien il-kagun ghall-kollizzjoni mal-Ocean Lady tant illi dawn iz-zewg bastimenti inkaljaw f'xulxin u spiccaw max-xatt tal-bajja ta' Marsaxlokk.

4. Hija opportuna l-osservazzjoni li, ghalkemm il-konvenut eccepixxa wkoll li hemm lok ghall-kjamata fil-kawza tal-Kaptan Alfred Fremal u tal-bastiment Capitan San Marco, ebda parti ohra ma giet fil-fatt imsejjha fil-kawza liema kawza baqghet tissokta biss kontra l-bastiment Gran Michelangelo.

5. Tajjeb li jinghad ukoll illi s-sidien u operaturi tal-bastiment Gran Michelangelo pprocedew f'gudizzju separat kontra l-Kaptan Alfred Fremal bhala sid il-bastiment Capitan San Marco u kontra l-istess bastiment ghad-danni li soffrew bhala rizultat tal-istess akkadut (**Fish and Fish Limited et v. Avukat Ann Fenech noe et**, kawza Numru 7/2007), filwaqt illi l-Kaptan Alfred Fremal bhala sid il-bastiment Capitan San Marco intavola wkoll azzjoni separata kontra s-sidien u operaturi tal-bastiment Gran Michelangelo kif ukoll kontra l-istess bastiment li huwa wkoll il-konvenut fil-proceduri odjerni (**Avukat Ann Fenech noe et v. Dr. Mark Busuttil et noe et** – kawza Numru 1084/2006) fir-rigward l-istess kollizzjoni, liema tliet kawzi huma kollha konnessi u nstemghu kontestwalment.

6. Inoltre, permezz ta' verbal li sar fl-udjenza tat-22 ta' April 2010 quddiem l-ewwel Qorti, il-partijiet qablu li kull prova li nstemghet jew ser tinstema' fl-imsemmija kawzi bin-numri 1084/06 u 7/07, ikunu jghoddu u jikkostitwixxu prova ghall-fini ta' din il-kawza.

## Is-Sentenza Appellata

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

**"II. <u>Responsabilita`</u>**

**"1. <u>Generali</u>**

"Konsiderevoli fl-ghadd kienu provi li nstemghu fit-tliet kawzi. Kienu karatterizzati mhux biss minn xhieda dettaljati u kontroezamijiet <u>serrati</u> izda anke mill-produzzjoni ta` kwantita` ta` ritratti u dokumenti ohra. **<u>Ma tressaq l-ebda xhud li ra l-habta bejn id-dghajjes in kwistjoni</u>**. L-unici xhieda li bir-rakkont taghhom <u>qarrbu l-aktar</u> ghall-hin tal-incident kienu Raymond Bugeja u l-attur, sid tal-*Ocean Lady.* Diversi kienu l-persuni li xehdu dwar dak li gara wara l-incident. Xehdu wkoll persuni esperti fil-qasam taghhom. Ghal dawn il-provi, saret ampja referenza fin-noti ta` sottomissjonijiet. A skans ta` ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-provi fl-assjem taghhom.

**"2. <u>Fatti</u>**

"L-attur huwa s-sid tad-dghajsa *Ocean Lady* (*"Ocean Lady").* Fl-incident kienu nvoluti wkoll zewg bcejjec tal-bahar ohra : il-bastiment *Capitan San Marco* ("*Capitano San Marco")* propjeta` ta` Alfred Fremal, li mhuwiex parti fil-kawza tal-lum, u l-bastiment *Gran Michelangelo* ("*Gran Michelangelo*") propjeta` tas-socjeta` estera G & C srl ; dan il-bastiment huwa konvenut fil-kawza tal-lum.

"Il-Qorti taghmel referenza ghal Dok AV1 u Dok JC1 li huma nseriti fl-atti tal-kawza bin-Nru 1084/2006. Dok JC1 juri kif kienu posizzjonati t-tliet dghajjes **<u>qabel</u>** l-incident.

"Il-*Capitan San Marco* huwa *sailing boat* ta` 100 tunellata. Kien f`nofs il-bajja ta` Marsaxlokk. Skond Alfred Fremal, kien marbut mal-baga tieghu fuq erbat ihbula (*mooring ropes*). It-tul ta` bejn il-hbula u l-bastiment kien ta` circa 17-il metru. Tnejn mill-hbula kienu ta` 36 mm kull wiehed u kienu marbuta fuq kull naha tal-pruwa (i.e. fuq quddiem), habel iehor ta` 42 mm kien marbut fuq il-*port side* (i.e. fuq il-genb tal-bastiment li jigi fuq ix-xellug meta thares lejn il-pruwa) u habel iehor ta` 100 mm fuq l-*starboard side* (i.e. fuq il-genb tal-bastiment li jigi fuq il-lemin meta thares lejn il-pruwa). L-erbat ihbula kienu marbuta ma` katina li kienet mwahhla ma` blokka tal-konkos li kienet f`qiegh il-bahar. Il-katina kienet qeghda tinzamm `il fuq permezz ta` baga. Kien hemm ukoll *preventor rope* li jintuza biex taqbad il-baga qabel torbot maghha.

Kien hemm ukoll qafla li torbot il-hbula fuq il-port side mal-baga halli l-hbula ma jithabblux mal-katina meta d-dghajsa ddur effett tar-rih.

"Aktar `il barra mill-*Capitan San Marco*, fuq quddiem lejn ix-xellug, madwar 180 metru boghod, kien hemm il-*Gran Michelangelo* marbut mill-pruwa ma` baga safra. Il-GM ghandu stazza ta` 75 tunellata. Il-baga kienet marbuta ma` qiegh il-bahar permezz ta` katina ohra.

"L-*Ocean Lady* kienet ormeggjata lura mill-*Capitan San Marco* fuq ix-xellug.

"Skond ir-rapport tat-temp ghal dak il-lejl, ir-rih sal-10.45 p.m. tat-13 ta` Dicembru 2005 kien mill-Grigal. Bejn l-10.45 p.m. sas-12.45 a.m., ir-rih dar ghal-Lvant. Bejn s-12.45 a.m. sas-1.45 a.m., ir-rih dar ghal Xlokk. <u>Bejn is-1.45 a.m. sal-4.15 a.m., ir-rih dar ghal Nofsinhar</u>. U bejn l-4.15 a.m. u l-5.15 a.m., ir-rih kien Nofsinhar / Xlokk. Bejn il-10.45 p.m. u s-1.15 a.m. ir-rih lahaq l-40 kmfs b`*gusting speeds* ta` 55 kmfs. Bejn s-1.45 a.m. u l-4.15 am is-sahha tar-rih varjat minn 15 kmfs fis-1.15 a.m. ghal 25 kmfs fl-4.15 a.m.

"Billi ma tressaq l-ebda xhud tal-incident, id-dinamika tista` tigi stabbilita minn numru ta` fatturi <u>fosthom</u> (<u>izda mhux biss</u>) id-direzzjoni tar-rih, is-sahha tar-rih, fejn instabu t-tliet bcejjec tal-bahar wara l-incident, il-hsara li kellhom u l-qaghda tal-hbula, bagi, ktajjen u attrezzi ohra taghhom.

"Id-Dok JC2 li jaghmel parti mill-atti tal-kawza Nru 1084/2006 juri kif spiccaw it-tliet bcejjec tal-bahar wara l-incident.

"Wara l-incident, il-*Capitan San Marco* u l-*Gran Michelangelo* instabu fil-parti l-baxxa tal-bajja ta` Marsaxlokk maghrufa bhala *Il-Maghluq* mwahhlin ma` xulxin u bejniethom l-*Ocean Lady.* Il-wires li kienu qeghdin jorbtu l-arblu ta` quddiem tal-*Capitan San Marco* mal-pupress (*bowsprit*) li johrog `il barra mill-pruwa spiccaw mhabbla mal-katina tal-baga tal-*Gran Michelangelo.* Il-*Capitan San Marco* spicca minghajr pupress. Kif il-wires inqatghu, il-*Gran Michelangelo* nhall minn mal-parti ta` quddiem tal-*Capitan San Marco*. Il-*Gran Michelangelo* baqa` marbut mill-pruwa mal-baga tieghu li maghha kien hemm parti mill-katina li qabel l-incident kienet qed izzomm il-baga ma` qiegh il-bahar. Mal-baga tal-*Gran Michelangelo* kien maqbud l-*Ocean Lady.*

**"3. <u>Nota ta` sottomissjonijiet tal-attur</u>**

"A fol 152, l-attur, wara li fin-nota tieghu ttratta d-dinamika tal-incident (li l-Qorti sejra tqis `il quddiem), ghadda biex jikkunsidra dak li sejjah <u>*obbligi ta` rbit u irmigg xieraq*</u> u qal hekk –

> ""Stabbilita d-dinamika ta` l-incident wiehed irid jistabilixxi jekk il-GM inqala` minn fuq ic-cimi kawza ta` nuqqas min-naha tal-konvenut (Artiklu

1032 u 1033 ta` Kap 16) jew inkella minhabba kwistjoni ta` forza magguri illi ghaliha ma kienx jahti l-konvenut (Artiklu 1029 ta` Kap 16).

"F`dan ir-rigward fl-ewwel lok ghandu jinghad illi fil-bajja fejn gara l-incident kien hemm bosta bastimenti ohra illi kienu ta` l-istess stazza jew piz ta` GM jew ikbar. Infatti l-esponent kien abbord bastiment illi kien ta` piz simili ghal dak ta` GM. L-ebda bastiment iehor ma nqala` mic-cimi dakinhar. Huwa mistenni illi jekk tkun gejja maltempata in-nies responsabbli ghandhom jaccertaw ruhhom illi l-bastimenti huma marbutin b`tali mod illi jifilhu ghal dan it-tip ta` maltemp illi jista` jahkem din il-bajja. Dan huwa grad ta` diligenza li trid il-ligi. Illi wiehed ghaldaqstant jaccerta illi l-irbit (mhux biss ta` fuq il-bahar izda anke il-ktajjen ta` taht) ikunu dejjem idoneji ghal dan it-tip ta` maltemp. Il-maltemp ma kienx imprevist, anzi kull min huwa midhla tal-bahar ghandu jizgura li jkun lest ghal dit-tip ta` eventwalita`. Imprevist tkun xi haga ta` natura bhal "tsunami" jew "freak wave movement" illi hadd ma seta` janticipah ghax kien ikkawzat minn moviment sizmiku. Maltemp previst "imprevist" imma huwa eventwalita` illi bahhar irid jipprepara ghaliha.

"Huwa evidenti mill-assjkem ta` xhieda f`din il-kawza (ara xhieda ta` Achtelstetter u xhieda tal-Kaptan Dalli dan tal-ahhar prodott mill-konvenut) illi l-katina ta` taht il-bahar ta` GM kienet immermra u mittiekla ..."

**"4. <u>Dritt</u>**

"Fin-nota tieghu, l-attur jirreferi ghall-**<u>Art 1031 tal-Kap 16</u>**.

"Huwa evidenti mill-mod kif tfasslu l-kawzali u t-talbiet illi dik attrici hija kawza fejn l-attur qed jimputa *culpa aquiliana* lill-*Gran Michelangelo* ghad-danni li jallega li sofra bhala konsegwenza tal-hsara li l-*Ocean Lady* garrbet fil-Bajja ta` Marsaxlokk fil-lejl ta` bejn it-13 u l-14 ta` Dicembru 2005.

"L-**<u>Art 1031 tal-Kap 16</u>** jistabilixxi illi "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*". Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana tiskatta l-principju illi min ikun l-awtur tal-hsara huwa obbligat jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi li l-att igib mieghu.

"Il-ligi taghna ma taghtix tifsira ta` *culpa* izda bhala effett tal-**<u>Art 1032(1) tal-Kap 16</u>** tidentifikaha bhala mgieba fejn jirrizulta nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diligenza u nuqqas ta' hsieb tal-*bonus paterfamilias.* Din id-disposizzjoni tikkorrispondi fil-kamp penali mal-Art 225 tal-Kap 9 li jitkellem dwar imgieba gejja minn nuqqas ta' hsieb, minn traskuragni, jew minn nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew minn nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

"Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi "*min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti*" (ara - **<u>Kollez. Vol. XXX. I. 142</u>**).

"Huwa wkoll accettat fil-gurisprudenza taghna illi "*l-kolpa fil-kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dak il-fatt meta seta' jipprevedi dak l-effett*" (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**). Dan ifisser illi wiehed jehtieg jorbot l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza mal-prevedibilita` ta' l-event dannuz ; "*prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili*" (ara – **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**). Ikompli jinghad fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, illi tissussisti l-*culpa* : "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene*"

"Fis-sentenza taghha tat-18 ta` Awissu 1965 fil-kawza "**Spiteri pro et noe vs Castle**" din il-Qorti (**PA/MCC**) ittrattat id-differenza fuq il-pjan guridiku bejn *culpa aquiliana* u *culpa ex contractu.* In partikolari dwar *culpa aquiliana* rrilevat illi "*il colpa aquiliana tikkorri meta d-dannu jigi kagonat f'rapport extra-kontrattwali, cioè tillimita ruhha ghal fatt tal-bniedem bhala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew ta' dover in generali tan-"neminem laedere" kombinat man-negligenza taht l-art. 1075, 1076 tal-Kodici …* Dwar il-grad ta` *culpa*, il-Qorti fissritu bhala `*dak il-grad ta' colpa li jonqos mill- "istandard" ta' diligenza tal-"bonus pater familias".*

**"5. Oneru tal-prova**

"Hu kompitu tal-Qorti li mill-indagini u ezami tal-provi akkwiziti tasal biex tistabilixxi l-fondatezza tat-talbiet attrici, wara li tkun qieset il-linja difensjonali li jkunu hadu l-konvenuti. Huwa principju fondamentali tal-ligi rikonoxxjut bl-**Art 561 tal-Kap 12** illi l-obbligu tal-prova ta` l-fatt imiss dejjem lil min jaghmel l-allegazzjoni ta` dak il-fatt. Kwindi l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq l-attur : *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*

"Fil-kawza tal-lum, il-kumpless tal-provi kien ikkaratterizzat minn verzjonijiet kontrastanti dwar l-akkadut li taw il-partijiet. Fuq spallejn il-Qorti huwa ripost il-kompitu li ssib *tarf tal-kobba*. F`cirkostanzi bhal dawn u cioe` meta l-Qorti tkun rinfaccjata b`verzjonijiet konfliggenti, il-kaz bosta drabi jirriduci ruhu ghal wiehed ta' kredibilità u verosomiljanza tal-versjonijiet.

"Fis-sentenza ta` din il-Qorti fil-kawza "**Bugeja vs Meilak**" (**PA/TM**) deciza fit-30 ta` Ottubru 2003 kien citat bran mis-sentenza li l-istess Qorti (**PA/MCC**) kienet tat fl-24 ta' Novembru 1966 fil-kawza "**Farrugia vs Farrugia**". Hemm kien riaffermat il-principju illi l-konflitt tal-provi huwa fatt li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghalih. F`sitwazzjoni ta` dik ix-xorta, li l-Qorti trid taghmel huwa illi tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi ghax

dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.

"Din il-Qorti trid tghid illi fil-kaz tal-lum, hemm cirkostanzi **<u>partikolari</u>** relatati mal-ubikazzjoni tal-bastimenti fil-Bajja ta` Marsaxlokk fil-waqt tal-incident, u ma` l-kondizzjonijiet tat-temp (specjalment tar-rih), u allura fatti **<u>oggettivi</u>** li, fil-fehma tal-Qorti, se jiswew sabiex tkun tista` tizen l-assjem tal-provi, `il hinn minn apprezzament riduttiv ta` stqarrijiet kontrastanti.

**"6. <u>Konkluzjonijiet</u>**

"L-assjem tal-provi **<u>jeskludi</u>** li l-attur kellu xi htija anke kontributorja ghall-incident u ghall-konsegwenzi tieghu. Infatti **<u>lanqas</u>** il-konvenut ma jiddefendi ruhu mill-azzjoni attrici billi jimputa htija lill-attur.

"<u>It-tesi ta` Alfred Fremal</u> hija fil-lejl ta` bejn it-13 u l-14 ta` Dicembru 2005, inqatghet il-katina tal-hadid li kienet tghaqqad il-baga tal-*Gran Michelangelo* ma` qiegh il-bahar. Mal-baga kien marbut mill-pruwa l-*Gran Michelangelo.* Il-katina nqatghet ghax kienet mgherrija. Wara l-*Gran Michelangelo* mar fuq il-*Capitan San Marco*, li ma felahx fuqu t-toqol tad-dghajsa l-ohra, bil-konsegwenza li nqatghu l-hbula tal-*Capitan San Marco.* Dan tal-ahhar inqabad mal-*Gran Michelangelo* u t-tnejn spiccaw qabdu bejniethom lill-*Ocean Lady.*

"<u>It-tesi l-ohra</u> hija fil-maltemp li nqala` matul dak il-lejl partikolari, il-*Gran Michelangelo* u l-*Capitan San Marco,* <u>it-tnejn li huma</u>, nhallu mill-irmiggi taghhom u spiccaw inkaljaw f`xulxin, bid-differenza illi, skond il-konvenut, il-*Gran Michelangelo* *"<u>ccaqlaq</u>"* mill-parti tal-irmigg ta` qiegh il-bahar minghajr htija tal-konvenut, waqt li l-*Capitan San Marco* nhall ghaliex qata` c-cimi billi, skond il-konvenut, ma kienux idoneiji, u kwindi bi htija tal-attur. Sa ma spiccaw fil-*Maghluq,* l-*Ocean Lady* inqabad bejn il-*Gran Michelangelo* u l-*Capitan San Marco.*

**"Biex tasal ghal liema mit-tesijiet hija l-aktar verosimili u probabbli, il-Qorti trid tqis <u>l-assjem</u> tal-provi. Qalb stqarrijiet kontrastanti, trid tfittex dak illi huwa l-aktar attendibbli. Ma tasalx ghal accertament tajjeb, jekk toqghod tfittex id-dettall u l-irqaqat. Id-dinamika ta` incident, imbaghad incident fuq il-bahar, bejn tliet dghajjes <u>minghajr nies fuqhom</u>, ghax kienu ormeggjati, tiehu xejra partikolari. Il-posizzjoni tal-impatti – pruvati jew presunti – ghandha importanza relattiva ghaliex dak il-hin, taht rih qawwi, u bl-imbatt, l-andatura tad-dghajjes tista` tiehu xejra differenti minn dak li wiehed jista` janalizza, jifhem, jirraguna jew jissupponi. U huwa fatt illi l-bahar huwa mprevedibbli. Bidla fis-sahha tar-rih jew fid-direzzjoni tieghu taghmel id-differenza – kif gara fil-kaz tal-lum. U man-natura ma hemmx logika ; ghandu jkun hemm biss prudenza, galbu, previdenza u fuq kollox diligenza. Il-provi jrid jitqiesu fil-kuntest taghhom. Fehmiet abbazi tal-provi jridu jigu espressi. Pero` r-responsabilita` ma tigix determinata fuq**

**supposizzjoni, ipotesi jew possibilita`. Tigi stabbilita fuq provi verosimili u attendibbli li jirrendu d-determinazzjoni tar-responsabilita` probabbli – naha jew ohra – specjalment meta tkun sorretta minn element qawwi ta` oggettivita`.**

"Din il-Qorti taghti affidament lix-xhieda ta` Raymond Bugeja ("Bugeja"). Kien l-ahhar xhud li ra d-dghajjes qabel l-incident. U l-ewwel xhud li ma lemahx aktar id-dghajjes fejn kien rahom l-ahhar. Bugeja jsemmi tliet *time frames* : l-10.00 p.m. : sa dak il-hin, id-dghajjes kienu fil-posizzjoni li hallewhom il-partijiet ; is-1.00 a.m. : dak il-hin osserva illi l-*Gran Michelangelo* kien iccaqlaq mill-posizzjoni tieghu waqt li l-*Capitan San Marco* kien ghadu f`postu ; u l-5.00 a.m. meta ma rax aktar id-dghajjes fejn kien halliehom l-ahhar. L-osservazzjonijiet ta` Bugeja ma sarux b`kumbinazzjoni jew b`kapricc izda ghax kellu interess dirett mhux daqstant fil-*Capitan San Marco* izda fid-dghajsa tieghu *Ta` Mattew* li kienet ormeggjata fil-prossimita` tad-dghajjes l-ohra. Mela kien fl-interess tieghu li josserva kollox bl-akbar cirkospezzjoni. Dak kollu li Bugeja rrelata illi ra ma kenitx xi illuzjoni ottika izda accertament fattwali mhux ta` persuna kwalunkwe izda ta` sajjied ta` esperjenza. Minn Bugeja nafu li fis-1.00 a.m., il-*Gran Michelangelo* kien iccaqlaq. Skond ir-rapport tat-temp, nafu wkoll li sas-12.45 a.m. kien hemm rih qawwi gej mil-Lvant u li dar Xlokk sas-1.45 a.m. Li kieku l-ormeggi tal-*Gran Michelangelo* u tal-*Capitan San Marco* inqatghu flimkien jew fl-istess waqt, bir-rih kif kien dak il-hin li Bugeja rrelata dak li kien ra, it-tnejn kienu jispiccaw mhux fil-*Maghluq* izda mal-waterpolo pitch ta` Marsaxlokk. Din il-Qorti hija konvinta li l-qtugh tac-cimi taz-zewg dghajjes ma sehhx fl-istess waqt, izda fi zminijiet differenti, bil-*Gran Michelangelo* jaqta` l-ewwel.

"Il-*Gran Michelangelo* qata` l-ewwel meta r-rih kien Lvant / Xlokk. Ma marx pero` lejn il-pitch tal-waterpolo izda qorob lejn il-*Capitan San Marco.* Nafu li l-*Gran Michelangelo* kien qieghed jiddriftja bil-maga marbuta mal-irbit tal-pruwa u mal-baga bicca sewwa mill-katina li kienet inqatghet. Hekk kif dar ir-rih ghal Nofsinhar – nafu li dan kien wara s-1.45 a.m. u allura mhux wisq wara li l-*Gran Michelangelo* qata` c-cimi – sab l-ostakolu kostitwit mill-*Capitan San Marco.* Mela filwaqt illi din il-Qorti teskludi li z-zewg dghajjes qatghu c-cimi fl-istess waqt, filwaqt illi tqis bhala probabbli li l-*Gran Michelangelo* qata` c-cimi l-ewwel meta r-rih kien Lvant / Xlokk, tghid illi l-iskontru mal-*Capitan San Marco* sehh meta r-rih kien Nofsinhar.

"Huwa accertat illi d-dghajjes ma spiccawx hdejn il-pitch tal-waterpolo ta` Marsaxlokk izda fil-*Maghluq.* Ghalkemm kollox possibbli, il-probabilita` hi li d-dghajjes kienu jispiccaw hdejn il-pitch tal-waterpolo ta` Marsaxlokk li kieku fil-hin tal-iskontru, ir-rih kien gej mix-Xlokk / Lvant. Biex id-dghajjes spiccaw fil-*Maghluq* il-probabilita` hi li meta l-*Gran Michelangelo* qata` c-cimi tal-*Capitan San Marco* u sar l-impatt, l-incident gara meta r-rih qawwi kien gej min-Nofsinhar. Hemm ix-xhieda tal-attur li jaghti l-hin approssimattiv li fih sema` d-daqqa f`nofs il-bajja

meta r-rih kien min-Nofsinhar. Id-daqqa u d-direzzjoni tar-rih huma fatti mhux illuzjoni.

“Din il-Qorti taccerta lill-partijiet illi hasbet fit-tul dwar dan l-aspett importanti tad-dinamika tal-incident u tghid b`konvinzjoni illi l-verzjoni tal-fatti kif prospettata minn Alfred Fremal hija aktar versosimili. Li kieku z-zewg dghajjes telqu flimkien minn fuq l-irmigg taghhom, bir-rih jonfoh qawwi mil-Lvant / Xlokk kienu jispiccaw hdejn il-pitch tal-waterpolo ta` Marsaxlokk. Mhux hekk kien il-kaz. Li kieku t-tnejn flimkien qatghu c-cimi meta r-rih kien min-Nofsinhar, il-probabilita` hija li ma kienx ikun hemm habta – lanqas mal-*Ocean Lady.* Il-Qorti terga` taghmel referenza ghall-posizzjoni li kienu d-dghajjes fil-bajja qabel l-incident. Bil-*Gran Michelangelo* posizzjonat `il quddiem mill-*Capitano San Marco,* u bit-tnejn mhux marbuta, il-probabilita` kienet tkun, bir-rih min-Nofsinhar, li kienu jevitaw lil xulxin ghax ir-rih kien qed jonfoh minn fuq il-bokka tal-bajja lejn il-*Maghluq.* Il-*Capitano San Marco* kien jitlaq `il quddiem u *se mai* il-*Gran Michelangelo* kien jaghmel l-istess pero` kien jibqa` wara. Din il-Qorti terga` tghid kollox huwa possibbli pero` hi trid tiddeciedi fuq il-probabbli.

“Dwar il-posizzjoni tal-hsarat, din il-Qorti tghid illi f`dawk il-kondizzjonijiet tat-temp hazin li kienu dakinhar huwa prattikament difficli tghid *fejn habat ma` xiex*. Nafu zgur fic-cert – ghax dan ikkostatatu l-Qorti stess *de visu* waqt l-access – illi l-hsarat – specjalment tal-*Capitan San Marco* – kienu estensivi. Wiehed jista` jaghmel lista ta` ipotesijiet pero` dawk mhumiex provi.

“Id-dinamika imfissra minn Alfred Fremal taghti affidament. Il-*Gran Michelangelo* fuq quddiem, *wara* li nqatghet il-katina tal-irmigg tieghu, mar fuq l-irmigg tal-*Capitan San Marco.* Billi r-rih lahaq dar ghal Nofsinhar, l-uniku direzzjoni li seta` jiehu l-*Gran Michelangelo,* b`li jsib quddiemu, kien li jmur lejn il-*Maghluq.* Il-*Gran Michelangelo* garr mieghu l-irbit li kellu mill-pruwa mal-baga u dak li fadal marbut mill-katina mal-baga tieghu. L-assjem tal-provi juri illi fil-hin li l-*Gran Michelangelo* beda sejjer lejn Nofsinhar, wara li r-rih bidel id-direzzjoni, il-*Capitan San Marco* kien ghadu mal-irmigg tieghu. L-impatt kien qawwi, anzi qawwi hafna, u cioe` tal-*Gran Michelangelo* jidhol fuq il-*Capitan San Marco.* Minn hemm `il quddiem il-konsegwenzi huma ben noti. Il-hbula li kienu marbuta mal-pruwa tal-*Capitan San Marco* nstabu fuq il-*Gran Michelangelo* wara l-incident aktar tard fil-jum qalb *debris* ta` hbula ohra u wires. Ir-ritratti esebiti juru kjarament l-effetti tal-iskontru u kif spiccat involuta l-*Ocean Lady.*

“Stabbilita u accertata d-dinamika probabbli, il-Qorti sejra tghaddi issa ghall-accertament tar-responsabilita`.

“Il-konvenut ma ddefendiex ruhu mill-azzjoni attrici billi nvoka l-*force majeur* u kwindi l-Qorti sejra tiddeciedi jekk l-incident u l-konsegwenzi tieghu kienux frott ta` negligenza tal-*Gran Michelangelo*.

"Id-difiza tal-konvenut ddur mal-imputazzjoni ta` htija shiha ghall-akkadut lil Alfred Fremal meta jigi allegat illi l-hbula li ghazel biex jorbot bihom il-*Capitan San Marco* mal-baga tieghu kienu rqaq, mhux tajbin ghal dak l-uzu, minghajr protezzjoni u f`qaghda skadenti. Jekk wiehed iwarrab fil-genb dak li xehdu persuni – direttament jew indirettament – relatati mal-partijiet, mhux hekk qalu l-esperti. Skond l-Ing. Amato, il-*Capitan San Marco* kellu *double mooring system*. Il-habel irqieq li dwaru saret insistenza mill-konvenuti kien il-*preventor rope* mhux il-*mooring rope*s. L-Ing Amato sab illi wiehed mill-hbula tal-*Capitan San Marco* li kien ta` 100 mm kien f`kondizzjoni tajba bizzejjed biex jiflah ghall-kondizzjonijiet tar-rih u tal-bahar. Il-Kaptan Jimmy Dalli esprima fehma diversa. Din il-Qorti tirrileva biss li l-Kaptan Dalli fassal l-opinjoni tieghu fuq ritratti mhux fuq kostatazzjoni *de visu.* Il-hbula ta` l-*Capitan San Marco* kienu ghadhom kollha fuq il-bastiment meta sar l-access.

"Din il-Qorti ma ssib l-ebda responsabilita` ta` Alfred Fremal ghall-incident u ghall-konsegwenzi tieghu.

"Ghal din il-Qorti huwa ppruvat illi kienet il-katina tal-irmigg tal-*Gran Michelangelo* li *gave way* ghax wahda (jew aktar mill-holoq) cediet. A fol 841 tal-kawza Nru 1084/2006 huwa accettat mill-konvenuti f`dik il-kawza li l-*Gran Michelangelo* baqa` marbut mal-irmigg tieghu, u ccaqlaq biss ghaliex il-katina tieghu cediet minn holqa partikolari madwar 30 metru katina `l isfel fl-irmigg ta` qiegh il-bahar.

**"Il-kwistjoni determinanti, li hija l-pern ta` din il-kawza, hija li l-qtugh tal-katina tal-irmigg tal-*Gran Michelangelo* ma jirrendix lill-*Gran Michelangelo* responsabbli ta` bilfors ghall-incident u ghall-konsegwenzi tieghu. Ladarba din hija kawza dwar *culpa aquiliana,* kif jirrikonoxxi l-attur stess meta jirreferi ghall-Art 1031 u l-Art 1032(1) tal-Kap 16, ma tista` tinsorgi l-ebda kwistjoni ta` *strict liability.* Lanqas ma jistghu jigu nvokati presunzjonijiet – *juris tantum* jew *de jure*. Li jfisser allura li l-attur irid jaghmel il-prova tal-htija tal-bastiment fuq bilanc ta` probabilitajiet.**

"Anke ghall-finijiet ta` din il-kawza, il-Qorti taghmel taghha *mutatis mutandis* r-*ratio decidendi* tas-sentenza li tat illum fil-kawza Nru 1084/2006 JZM –

> **""…illi kieku tassew kien hemm previdenza mwettqa fil-prattika wiehed kien isib illi dik il-katina ma kenitx fi stat tajjeb. Din il-Qorti ghandha quddiemha r-ritratti tal-katina maqtugha u l-fehmiet tal-esperti. U din il-Qorti in piena autonomia tghid illi dik il-katina fl-istat li rrizultat kienet qeghda tistieden l-inkwiet u dak l-inkwiet wasal – b`xorti hazina ghal kulhadd specjalment ghall-partijiet. Is-sadid ma kienx jinkwieta daqstant lil din il-Qorti ; del resto si trattava ta` hadid immers in acqua salata. Pero` holoq miksura huwa inaccettabbli – bl-akbar rispett ghall-fehma tal-esperti tal-konvenuti. U kienu l-holoq difettuzi jew miksura li gabu fix-xejn is-sahha tal-katina kontra l-forza tan-Natura – mhux bil-maqlub !**

> **"In kwantu ghar-<u>responsabilita`</u> tal-konvenuti, din il-Qorti teskludi li jista` jkun hemm responsabilita` solidali stante li fil-kaz tal-lum ma jirrizultawx il-parametri stabbiliti mil-ligi ghal responsabilita` ta` dak it-tip. In aggunta, din il-Qorti ghandha rasha mistrieha ghal kollox illi ma tistax issib responsabilita` ghall-akkadut la fil-bastiment Gran Michelangelo u lanqas fis-sidien tieghu propju ghaliex irrizulta bl-aktar mod <u>car u inekwivoku</u> illi kull ma gara dak il-lejl ta` bejn it-13 u l-14 ta` Dicembru 2005 ma kienx dovut ghal xi nuqqas da parti tal-bastiment jew tas-sidien tieghu, izda li <u>kull ma gara kien dovut unikament ghal nuqqas ta` l-konvenuta Fish and Fish Limited</u>, li rrizulta li kienet l-operatur tal-Gran Michelangelo u kellha l-kontroll effettiv (bin-nies taghha) ta` dak il-bastiment. Mhux biss izda Fish and Fish Limited kellha wkoll il-kontroll effettiv u l-piena responsabilita` tal-irmigg li maghha rabtet il-Gran Michelangelo. Tant hekk huma l-fatti accertati illi Fish and Fish Limited taccetta (ara fol 843) li meta n-nies taghha ezaminaw l-irmigg sabu li kien tajjeb ; fir-realta` mhux hekk kien il-kaz ghaliex sehh l-incident de quo. Irrizulta li l-katina li kienet qeghda tghaqqad il-baga ma` qiegh il-bahar kienet difettuza. U matul dak il-lejl il-katina nqatghet mhux bi sfortuna jew minhabba l-maltemp izda ghaliex ma kenitx mizmuma tajjeb kif seta` jigi kostatat. Huwa ghal kollox inutili li Fish and Fish Limited twahhal fl-ghaddasa li kellhom il-kompitu li jaccertaw l-ovvju ghaliex tibqa` hi responsabbli – kollha kemm hi – ghal dak kollu illi l-haddiema taghha naqsu milli jaccertaw u jirrimedjaw."**

> **"In vista tal-premess, il-Qorti jkollha tichad l-ewwel talba tal-attur stante li mhijiex tal-fehma li l-incident li fih tkissret l-Ocean Lady sehh unikament b`tort u responsabilita` ta` M/V *Gran Michelangelo*. Ladarba l-ewwel talba qeghda tkun respinta, it-tieni u t-tielet talbiet sejrin jigu rigettati wkoll ghaliex ma hemmx danni x`jigu likwidati favur l-attur fil-konfront tal-*Gran Michelangelo.*"**

## L-Appell

8. L-attur ipprezenta l-appell tieghu fis-7 ta' Ottubru 2013 u talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tas-17 ta' Settembru 2013 u minflok tilqa' t-talbiet tieghu bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-bastiment konvenut.

9. Iz-zewg aggravji tal-attur jikkonsistu fil-qosor, fis-segwenti: (i) l-ewwel Qorti ghamlet decizjoni errata meta qalet li ma setghet tigi

attribwita ebda responsabbilita` lill-bastiment konvenut ghall-incident mertu tal-kawza. Skont l-attur, ghalkemm id-decizjoni fis-sentenza appellata dwar id-dinamika tal-akkadut hija korretta, l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza illi l-azzjoni *de quo* hija wahda *in rem*; u (ii) is-socjeta` Fish and Fish Limited li, skont is-sentenza appellata, tahti ghall-akkadut, ma hijiex parti minn din il-kawza u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx a sua sponte, f'din l-istess kawza, issib responsabbilita` da parti ta' persuna li mhux biss m'hijiex parti fil-kawza izda ma ssemmiet qatt mill-bastiment konvenut bhala l-persuna responsabbli ghall-akkadut.

10. Il-bastiment konvenut, permezz ta' risposta tal-appell minnu pprezentat fis-27 ta' Frar 2014, wiegeb ghall-appell tal-attur billi, filwaqt li jikkontesta d-decizjoni fis-sentenza appellata li sabet responsabbilita` fis-socjeta` Fish and Fish Limited ghaliex skont hu, il-htija ghall-akkadut kienet biss tal-Kaptan Alfred Fremal u l-bastiment tieghu Capitan San Marco, jghid illi l-attur seta' jipprocedi b'azzjoni *in rem* biss meta l-Qorti tiddeciedi li l-bastiment huwa responsabbli ghad-danni reklamati. Skond il-konvenut, galadarba l-ewwel Qorti ma sabet ebda htija fil-bastiment u fis-sidien taghha, li gew liberati minn kull htija, ma jezisti ebda dritt *in rem* kontra l-bastiment. Skont il-konvenut, billi l-bastiment gie skolpat minn kull htija, ma jezisti ebda ness guridiku ai termini ta' l-

Artikolu 742B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jiskatta gurisdizzjoni fil-Qorti.

11. Fir-rigward tat-tieni aggravju, il-konvenut jghid illi huwa nuqqas tal-attur li huwa qatt ma talab is-sejha fil-kawza tal-partijiet l-ohra kontendenti fil-kawza numru 1084/2006 u l-kawza numru 7/2007 li huma konnessi. Jghid ukoll li s-socjeta` Fish and Fish Limited qatt ma accettat li huma l-operaturi tal-bastiment Gran Michelangelo u lanqas li l-bastiment kien fil-pussess taghhom taht *bare boat charter* mis-sidien tieghu.

**L-Aggravji**

12. Billi z-zewg aggravji tal-appellant huma konnessi, dawn ser jigu trattati flimkien. Qabel xejn, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

13. Jirrizulta illi filwaqt li l-bastiment konvenut jichad li kien responsabbli ghall-akkadut jiddefendi ruhu billi jeccepixxi li ghall-akkadut huma responsabbli Alfred Fremal u l-bastiment tieghu Capitan San Marco.

14. Din il-Qorti tosserva wkoll illi s-socjeta` Fish and Fish Limited u s-sid tal-bastiment Gran Michelangelo, is-socjeta` estera G&C S.r.l., ma

humiex parti f'din il-kawza ghaliex ma gewx imharrkin mill-attur odjern, bhalma kienu gew imharrkin minn Alfred Fremal fl-azzjoni li ppromwova kontra l-istess bastiment Gran Michelangelo (kawza Numru 1084/2006) rigward l-istess incident.

15. Jinghad ukoll illi l-kawza tal-lum u l-kawzi 1084/2006 u 7/2007, ghalkemm jittrattaw l-istess akkadut, cioe` l-kollizzjonijiet li saru fil-lejl bejn it-13 u l-14 ta' Dicembru 2005 fil-bajja ta' Marsaxlokk bejn it-tliet dghajjes involuti, cioe` l-Gran Michelangelo, il-Capitan San Marco u l-Ocean Lady u, ghalkemm gie maqbul li dawn il-kawzi jinstemghu flimkien u li l-provi migjuba f'kull wahda jkunu jghoddu ghall-kawzi l-ohra wkoll, il-proceduri f'dawn il-kawzi <u>jibqghu separati u distinti minn xulxin</u> u ghalhekk ghandhom jigu decizi strettament entro l-parametri tat-talbiet kif imfasslin u dedotti, u l-eccezzjonijiet sollevati, u skont in-natura tal-azzjoni relattiva.

16. Ferm il-premess, din il-Qorti tqis illi l-fatt li l-ewwel Qorti sabet htija biss fis-socjeta` Fish and Fish Limited fil-kawza 1084/2006 ma huwa ta' ebda konsegwenza ghall-attur fil-kawza odjerna. Oltre dan, il-fatt illi s-socjeta` Fish and Fish Limited ma appellatx minn dak il-kap tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti (fl-istess kawza 1084/2006) fejn dik il-Qorti illiberat lill-bastiment Gran Michelangelo (li huwa l-konvenut fil-kawza odjerna) u s-sidien tieghu mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex sabet

htija ghall-akkadut u ghad-danni subiti mill-attur fl-istess kawza fl-istess operatrici tal-bastiment biss, ma jaghmlix stat fil-konfront tal-attur. L-attur f'din il-kawza ma jistax jigi ppregudikat minhabba kif imxew il-partijiet fi proceduri separati li l-attur ma ghandu ebda kontroll fuqhom u ma huwiex partecipi fihom. Fl-istess vena jigi osservat li d-decizjoni fil-kawza numru 1984/06 li ma sabitx htija fil-bastiment, konvenut f'din il-kawza, ma tolqotx u ma taghmilx stat fil-konfront tal-attur, stante li dan ma kienx parti f'dawk il-proceduri li allura ghalih kienet *res inter alios acta.*

17. Jirrizulta illi l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata cahdet it-talbiet tal-attur ghaliex qalet li fil-kawzi konnessi 1084/2006 u 7/2007 hija sabet li l-akkadut ma garax b'xi nuqqas tal-bastiment Gran Michelangelo (u tas-sid taghha) izda gara unikament minhabba nuqqas ossia negligenza da parti tas-socjeta` Fish and Fish Limited li kellha l-pussess u kontroll effettiv tal-bastiment konvenut.

18. Evidentement, fl-appell tieghu, l-attur ma jikkontestax id-decizjoni tal-ewwel Qorti li sabet negligenza fl-imgieba tas-socjeta` Fish and Fish Limited ghall-akkadut, izda jikkontendi li l-bastiment konvenut, <u>ta' lanqas fil-kawza tieghu</u> li hija ta' indoli differenti miz-zewg kawzi l-ohra, ma kellux jinheles mir-responsabbilita`. Infatti, fir-rikors tal-appell ma jirrizultax li l-attur ressaq xi aggravju dwar kif il-Qorti stabbiliet id-

dinamika tal-akkadut, anzi jsostni espressament fir-rikors tal-appell tieghu illi d-determinazzjoni tal-ewwel Qorti dwar ir-responsabbilita` "fattwali" tal-incidenti, hija tajba u korretta.

19. Billi ma sar ebda appell f'din il-kawza mid-decizjoni dwar id-dinamika tal-incident u kif giet involuta d-dghajsa tal-attur, u billi din il-Qorti affermat, fiz-zewg sentenzi l-ohra taghha li qed jigu moghtija kontestwalment fil-kawzi 1084/2006 u 7/2007 li kien il-bastiment konvenut Gran Michelangelo li habat fil-Capitan San Marco u qatghalha l-hbula tal-irmigg u flimkien dawn baqghu dehlin u kaxkru maghhom l-Ocean Lady sakemm inqabdu fil-bahar baxx tal-Maghluq, din il-Qorti hija tal-fehma li l-kapitolu tad-dinamika tal-akkadut huwa maghluq u li kulma hija imsejjha taghmel f'dan l-appell huwa li tqis jekk l-ewwel Qorti kinitx zbaljata meta, f'din l-azzjoni odjerna, cahdet it-talbiet attrici fil-konfront tal-bastiment Gran Michelangelo.

20. Huwa sinjifikanti in propositu illi din il-Qorti, fis-sentenzi taghha fil-kawzi 1084/2006 u 7/2007, ikkonfermat ukoll, ghar-ragunijiet hemm premessi, id-decizjoni tal-ewwel Qorti fl-istess kawzi illi l-kagun tal-kollizzjoni bejn il-bastiment konvenut Gran Michelangelo u l-Capitan San Marco, u sussegwentement, mal-Ocean Lady, kien il-qtugh tal-istess bastiment konvenut mill-irmigg tieghu wara li cediet il-katina mittiekla li kienet izzomm il-baga li maghha kien marbut. Ikkonfermat

ukoll id-decizjoni tal-ewwel Qorti fl-imsemmija kawzi li tehles minn kull responsabbilita` ghall-akkadut, il-bastiment Capitan San Marco u sidu, il-Kaptan Alfred Fremal.

21. Skont l-attur, id-decizjoni fis-sentenza appellata li l-bastiment konvenut ghandu jinheles mill-htija tal-akkadut, hija errata ghaliex l-ewwel Qorti applikat sfiq id-decizjoni taghha fil-kawzi 1084/2006 u 7/2007 ghad-determinazzjoni tal-kawza tieghu, minghajr ma qieset l-indoli differenti tal-azzjonijiet. Din il-Qorti tifhem ghalhekk li l-ilment ta' attur ma huwiex tant li l-ewwel Qorti kellha ssib, fil-kawzi l-ohrajn, li kien il-bastiment konvenut li kien negligenti, izda li ma kellhiex tapplika l-istess decizjoni fil-kawza tieghu. Dan ghaliex, skont l-attur addebiti *in personam* lis-sidien u operaturi tal-bastiment, ma jikkonfigurawx fl-azzjoni tieghu li hija wahda *in rem* proposta biss kontra l-bastiment konvenut.

22. Huwa pacifiku li l-azzjoni *in rem* trid tigi intavolata u indirizzata kontra l-bastiment, li hu konvenut fil-kawza, minghajr in-necessita` li jissemmew is-sidien tal-bastiment. Din l-azzjoni hija separata mill-azzjoni *in personam*. Wara kollox, huwa risaput illi l-istitut tal-azzjoni *in rem* gie originarjament zviluppat mill-qrati appuntu bhala mezz prattiku u procedurali biex jigu sorvolati d-diffikultajiet spiss riskontrati fin-notifika personali tas-sid tal-bastiment u biex b'hekk issir gustizzja sostantiva fi

pretensjonijiet naxxenti minn relazzjonijiet kuntrattwali jew delittwali fil-qasam marittimu. Dan ghaliex bil-holqien ta' personalita` ghar-*res* innifsu li tippermetti li l-bastiment jigi mharrek bhala l-konvenut, is-sid jew l-operatur jista' jigi kostrett, f'certu kazijiet, jidher fil-gudizzju biex jipprovdi garanzija ghar-rilaxx tal-bastiment, jew altrimenti jkollu jaccetta l-bejgh tar-*res*.

23. Fil-meritu jigi osservat li jirrizulta mhux kontestat illi l-azzjoni tal-attur hija azzjoni *in rem* kontra l-bastiment Gran Michelangelo, liema azzjoni, illum, tista' ssir biss quddiem il-qrati Maltin a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 742B tal-imsemmi kodici Qabel ma gie promulgat l-Att XIV tal-2006 li emenda l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, il-gurisdizzjoni *in rem* kienet tkun radikata f'azzjoni ta' dan it-tip fil-kazijiet meta kienu jinkonkorru diversi fatturi li gew diversi drabi affermati fil-gurisprudenza tal-qrati taghna[1], fosthom illi l-azzjoni titressaq kontra l-vapur bhala konvenut fil-kawza u l-vapur ikun fl-ibhra Maltin.

24. Illi bil-promulgazzjoni tal-Att XIV tal-2006[2] gew introdotti dawk il-kodici l-Artikoli 742B, 742C u 742D dwar il-gurisdizzjoni *in rem* tal-Qrati taghna u dwar l-azzjoni *in rem.* L-Artikolu 742B jispecifika l-istanzi fejn

---

[1] Ara fir-rigward **Av. Dr Kevin Dingli noe. v. Kaptan Sebastiano Pizzimenti pro. et. noe.** (P.A., 11/07/2001); **Valfracht Roro Line Ltd v. Dr Louis Cassar Pullicino noe.** P.A. 10/04/2003), u **Dr Max Ganado noe v. Kaptan Sebastiano Pizzimenti pro. et. noe.**(Appell Civili 30/11/2007.
[2] Din il-ligi dahlet fis-sehh qabel giet intavolata din il-kawza.

il-qrati civili f'Malta ghandhom gurisdizzjoni *in rem* kontra vapuri jew bastimenti fit-talbiet marittimi u, fost dawn l-istanzi, li huma ta' rilevanza diretta ghall-kawza odjerna hemm is-segwenti zewg sub-paragrafi:-

> "(e) kull pretensjoni għal ħsara li tkun saret lil vapur;
>
> "(f) kull pretensjoni dwar ħsara magħmula jew ikkawżata minn vapur, kemm f'kolliżjoni kif ukoll xort'oħra;"

25. Irid jinghad ukoll illi fost l-istanzi msemmijin fl-Artikolu 50 tal-Att dwar il-bastimenti Merkantili, li jittratta l-krediti li jigu garantiti permezz ta' privilegg specjali fuq il-bastiment, hemm is-segwenti kreditu:-

> "(o) id-danni u l-imgħaxijiet li għandhom jitħallsu lil bastiment ieħor jew lit-tagħbija tiegħu fil-każijiet ta' kolliżjoni ta' bastimenti;"

26. Billi dan il-kreditu jorbot sfiq mal-kreditu pretiz mill-attur fl-azzjoni odjerna, din il-Qorti tqis illi l-attur kellu kull jedd illi jmexxi b'azzjoni *in rem* kontra l-bastiment li, skont hu, jahti ghall-akkadut li fih garrbet hsarat estensivi d-dghajsa tieghu "Ocean Lady". Inoltre, billi l-kreditu pretiz mill-attur huwa wiehed kontemplat fl-Artikolu 50 tal-imsemmi Att, il-gurisdizzjoni *in rem* tal-qrati civili Maltin kontra l-bastiment konvenut hija radikata rrispettivament mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 742D(a) u ghalhekk minghajr ma l-attur kellu jaghmel ebda prova mehtiega skont l-imsemmi Artikolu.

27. Din il-Qorti hasset opportun li taghmel din ir-rassenja tal-ligi in materja ghaliex jidher illi l-ewwel Qorti naqset kompletament milli tqis illi

n-natura tal-azzjoni odjerna tal-attur hija diversa mill-azzjoni proposta mill-atturi fil-kawzi 1084/2006 u 7/2007. Huwa evidenti li l-azzjoni odjerna hija wahda purament *in rem* filwaqt li l-azzjonijiet l-ohra saru wkoll *in personam* kontra s-sidien u/jew operaturi tal-bastimenti rispettivi li kienu involuti fl-akkadut mertu tal-kawzi kollha mismughin flimkien.

28. Din il-Qorti tqis ghalhekk illi l-argument tal-bastiment appellat li ma ssejhux fil-kawza s-sidien jew l-operaturi tal-bastiment bhala rrelevanti ghaliex jekk l-azzjoni saret kontra l-bastiment *in rem* abbazi tal-Artikolu 742B, huwa l-istess bastiment li huwa tenut li jwiegeb ghal dawk il-pretensjonijiet, irrispettivament mill-presenza in gudizzju tas-sidien, noleggjaturi jew persuni ohrajn fil-kontroll jew pussess tal-bastiment. Di pju`, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur f’din il-kawza ma ghandux jigi pregudikat bil-fatt biss li fil-kawzi l-ohra konnessi gew imharrkin ukoll is-sidien u l-operaturi tal-bastimenti rispettivi, u taghraf illi in effetti l-attur odjern kien <u>l-ewwel wiehed</u> li intavola proceduri gudizzjarji rigward l-akkadut. Certament ghalhekk ma jistax jigi zvantaggjat bil-fatt illi sussegwentement saru azzjonijiet *in personam* minn kredituri ohrajn rigward l-istess incident.

29. Din il-Qorti taqbel illi fl-azzjonijiet li saru *in personam* (1084/2006 u 7/2007) kien doveruz fuq l-ewwel Qorti li tinvestiga, kif effettivament ghamlet, l-addebiti li saru *in personam* kontra s-socjeta` Fish and Fish

Limited u kontra s-sidien tal-bastiment is-socjeta` G&C S.r.l. Din il-Qorti tikkonsidra illi ma hemm xejn hazin fil-ko-ezistenza, fil-kawzi numru 1084/2006 u 7/2007, ta' azzjoni *in rem* ma' wahda *in personam* ghaliex il-konvenuti huma kollha persuni kapaci li joqghodu in gudizzju. Ghalhekk, id-decizjoni tal-ewwel Qorti f'dawk il-kawzi li talloka r-responsabbilita` ghall-akkadut lis-socjeta` Fish and Fish Limited, ma teskludix fiha nnifisha r-responsabbilita` tal-bastiment f'azzjoni *in rem* kontra l-bastiment.

30. Il-Qorti tosserva li s-sejbien ta' htija fl-operatur tal-bastiment jew fis-sid jew f'min kellu l-kontroll u pussess effettiv tieghu f'azzjoni *in personam*, ma jistax jeskludi *a priori* r-responsabbilita` tal-bastiment innifsu f'azzjoni separata *in rem* kontra l-istess bastiment minn kreditur iehor li d-dritt tieghu jinsorgi mill-istess akkadut.

31. Fil-kaz tal-lum jirrizulta li l-bastiment konvenut ma ddefendiex ruhu kontra l-azzjoni attrici billi invoka responsabbilita` *in personam* tas-sidien tal-bastiment jew ta' min kellu l-kontroll effettiv tieghu, wisq inqas sejjahhom fil-kawza, izda llimita ruhu billi jichad li huwa kien negligenti jew kellu xi responsabbilita` ghall-akkadut u d-danni kkagunati fid-dghajsa tal-attur, u jwahhal f'terzi. Fir-rigward, din il-Qorti tqis li ma kienx hemm limitazzjoni fuq il-jedd ta' difiza tal-istess bastiment, u dan seta' jiddefendi ruhu bil-mezzi kollha possibbli, inkluz li jinvoka

responsabblita` *in personam* ta' min kien, skont hu, ingustament qed jirreklama xi haga minn ghandu.

32. Stabbilit ghalhekk illi l-attur seta' jindirizza l-pretensjonijiet tieghu u jipprocedi direttament u esklussivament kontra l-bastiment konvenut *in rem* a tenur tal-Artikolu 742B, u stabbilit ukoll li l-bastiment konvenut ma ddefendiex ruhu kontra l-azzjoni *in rem* b'eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-qrati Maltin u lanqas attribwixxa htija *in personam* ghall-akkadut li ta lok ghad-danni, lil sid l-istess bastiment, lill-attur innifsu jew lil terzi, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti - diversament mill-kawzi l-ohrajn mexjin maghha – ma messitx f'din il-kawza ghamlet addebiti dwar htija *in personam* ghall-akkadut. Kellha, minflok, toqghod rigorozament fil-parametri differenti u eccezzjonali tal-azzjoni proposta mill-attur, u tal-eccezzjonijiet sollevati u tillimita l-istharrig u determinazzjoni taghha ghall-kagun tal-kollizzjoni u jekk, f'din l-azzjoni *in rem*, il-htija ghall-akkadut tistax tinsab fil-bastiment konvenut.

33. Kellha ghalhekk l-ewwel Qorti tapplika d-decizjoni taghha in materja fis-sentenzi tal-kawzi 1084/2006 u 7/2007, u tikkonkludi ghall-istess ragunijiet imfissrin fis-sentenza appellata, illi l-kagun tal-kollizzjoni bejn il-bastiment konvenut Gran Michelangelo u l-Capitan San Marco, u sussegwentement, mal-Ocean Lady, kien il-qtugh tal-Gran Michelangelo mill-irmigg tieghu wara li cediet il-katina mittiekla li kienet izzomm il-

baga li maghha kien marbut, u dan minghajr ma tidhol fir-responsabbilita` *in personam* ta' terzi mhux imharrkin f'din il-kawza, li setghu ormeggjaw il-bastiment ma' dak l-irmigg. Jigi ribadit li l-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti dwar id-dinamika tal-akkadut mhux kontestati f'dan l-appell u illi din il-Qorti affermat din id-decizjoni fis-sentenzi taghha li qed jigu moghtija kontestwalment f'dawk il-kawzi.

34. Huwa palezi li bastiment mhux ha jormeggja lilu nnifsu ma' baga u huwa evidenti li l-ewwel Qorti warrbet l-unika konkluzjoni rilevanti taghha ghal dan il-kaz, cioe` l-konkluzjoni li l-hsarat fid-dghajsa tal-attur saru b'rizultat tal-qtugh tal-katina mgherrija li maghha kienet marbuta l-baga tal-irmigg tal-bastiment. Kellha ghalhekk tiddikjara, f'din il-kawza, li l-incident li fih tkissret l-Ocean Lady sehh unikament b'tort u responsabbilita` tal-MV Gran Michelangelo u li l-istess bastiment ghandu jwiegeb ghad-danni konsegwenzjali.

35. Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti hija tal-fehma li l-aggravji tal-attur huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

36. Fir-rigawrd, tal-likwidazzjoni tad-danni reklamati mill-attur f'din il-kawza, il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:- billi jirrizulta li d-danni reklamati mill-attur gew deskritti u kwantifikati fil-premessi tar-rikors promotur tieghu u fid-dokument [survey report] anness mieghu, il-

provi li tressqu in materja tad-danni subiti mid-dghajsa tieghu gew ezawriti, kif ukoll li l-konvenut ma kkontestax in-natura u l-entita` ta' dawn il-hsarat u l-*quantum* tad-danni pretiz mill-attur. Ferm il-premess, kif ukoll id-dewmien inordinat f'dawn il-proceduri, din il-Qorti tqis illi ghandha, permezz ta' din is-sentenza, tghaddi biex tiddetermina wkoll, in segwitu ghad-decizjoni dwar responsabbilita` ghall-akkadut, it-talba ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni pretizi mill-attur fit-tieni u t-tielet talba tieghu tar-rikors promotur.

37. L-attur ippremetta fir-rikors promtur illi bhala rizultat tal-kollizzjoni, id-dghajsa tieghu giet meqjusa bhala *a total loss* u dan minhabba li l-valur tat-tiswijiet mehtiega jeccedi l-valur taghha fuq is-suq. In sostenn ta' din il-pretensjoni, l-attur ressaq *survey report* imhejji mill-Ing. Daniel Grima fil-25 ta' Lulju 2006 (Dok. A mar-rikors promotur[3]), liema rapport jikkonstata *inter alia* l-hsarat subiti, il-kompatibbilta` bejn id-danni u d-deskrizzjoni moghtija lilu mill-attur dwar il-mekkanizmu tal-incident u l-impatt li garbet id-dghajsa b'din il-kollizzjoni maz-zewg dghajjes l-ohra, kif ukoll il-fatt li d-dghajsa hija *beyond economical repair*. Dan ir-rapport gie kkonfermat ukoll bil-gurament tal-Ing. Grima li xehed *viva voce* quddiem l-ewwel Qorti dwar il-konkluzjonijiet minnu raggunti. Il-bastiment konvenut ma ressaq ebda provi li jikkontradicu l-konkluzjonijiet tar-rapport u senjatament l-istima tal-*pre-accident value* tad-dghajsa fil-prezz ta' bejn Lm10,000 u Lm12,000.

[3] Fol. 7 *et seq.*

38. Mizmumin fermi l-konsiderazzjonijiet appena maghmula, kif ukoll il-fatt li ma jirrizultax mill-ftit provi li tressqu l-valur preciz tad-dghajsa tal-attur fiz-zmien tal-akkadut, din il-Qorti ma tistax tillikwida bi precizjoni d-danni sofferti mill-attur. Ghalhekk fic-cirkostanzi tqis li ghandha tuza' s-setgha diskrezzjonali taghha sabiex tillikwida somma rapprezentati d-danni subiti mill-attur *arbitrio boni viri.* Il-principji li jirregolaw l-applikazzjoni ta' dan l-istitut ekwitattiv, huma ben pacifici fil-gurisprudenza tal-qrati taghna: il-likwidazzjoni ekwitattiva ghandha tigi applikata meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut bazat fuq fatturi identifikati fl-imsemmi dokumenti.

39. F'dan ir-rigward, issir referenza ghal dak deciz minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Mark Schembri & Associates Limited v. Tarkett Holding GmbH** (deciza 25 ta' Frar, 2015), fejn ghamlet riassunt car u dettaljat tal-principji applikabbli f'din il-materja:-

> "Jinghad ghalhekk li l-kuncett tal-arbitrio boni viri huwa spjegat mill-Qrati taghna fil-kawza fl-ismijiet **'Margaret Camilleri, Caroline Ebejer u Monica Gatt vs The Cargo Handling Co Ltd' deciza fit-13 ta' Ottubru, 2004** fejn intqal s-segwenti:-
>
> > ""In vista tad-divergenza ta' veduti mill-kontendenti fuq il-materja, kombacjat ukoll ma' l-aspetti aktar 'il fuq accennati, ma jidherx li hu possibbli, fl-isfond tar-rizultanzi processwali, illi tigi stabbilita stima awtentika u preciza ta' l-entita` tat-telf. Jew ghall-anqas jista' jinghad li minhabba l-effett tad-diversi konkawzi jezistu diffikoltajiet ghall-otteniment tal-likwidazzjoni specifika certa u tad-determinazzjoni preciza tat-telf. Meta hekk tirrizulta li hi s-sitwazzjoni forsi l-uniku parametru suggeribbli hu dak ekwitattiv. Logikament, pero`, il-likwidazzjoni ekwitattiva trid dejjem tinzamm fil-qafas tas-sistema kodicistika tar-rizarciment kif espress fl-Artikolu 1135 fuq riferit; Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva."

40. Il-Qorti tirribadixxi illi l-valuri rapportati mill-Ing. Daniel Grima ma gewx kontestati mill-konvenut u ma giex muri li dawn kienu esagerati jew mhux skont il-valuri tas-suq ta' dak iz-zmien. Ghalhekk tillikwida *arbitrio boni viri* l-valur tad-dghajsa tal-attur kif kienet qabel saret il-kollizzjoni *de quo*, fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, sitt mija u tlieta u ghoxrin Euro (€25,623), gja` Lm11,000. Din il-Qorti tosserva li dan l-ammont huwa l-medja bejn iz-zewg valuri moghtija mix-xhud[4] espert prodott *ex parte* mill-attur u din il-Qorti hi tal-fehma li jkun kumpens ekwu in linea ta' rizarciment ghad-danni sofferti mill-attur fid-dghajsa tieghu bhala rizultat tal-impatt ikkagunat mill-bastiment konvenut. Fil-likwidazzjoni ta' dan l-ammont, din il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni wkoll il-fatt illi mill-atti ma jirrizultax x'inhu l-valur tad-dghajsa fl-istat li attwalment tinsab fiha (*wreck*), jew jekk din ghadhiex tal-attur jew jekk iddisponiex minnha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-attur appellant billi tilqa' l-istess u kwindi tirrevoka s-sentenza appellata tas-17 ta' Settembru 2013. Tilqa' wkoll it-tieni u t-tielet talba tal-attur fir-rikors promotur u ghall-finijiet ta' dawn it-talbiet tillikwida *arbitrio boni viri* in linea ta' danni sofferti mill-attur, fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, sitt mija u tlieta u ghoxrin Euro (€25,623) u tordna lill-konvenut ihallas din is-

[4] Dan ikkonstata fir-rapport tieghu li "We estimate that the value of the boat prior to the casualty was in the region of LM10,000 to LM12,00" [fol,12]

somma lill-attur appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
ld